

21980A1106(02)

30.12.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 357/54

IL-PROTOKOLL ADDIZZJONALI

**mal-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda bħala konsegwenza ta'
l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunità**

IL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

min-naħħa l-waħda,

u

R-REPUBBLIKA TA' L-ISLANDA,

min-naħħa l-oħra,

WARA LI KUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Jannar 1981,

WARA LI KUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda iffirmat fi Brussel fit-22 ta' Lulju 1972, hawnhekk iżjed "il quddiem imsejjaħ" il-Ftehim,

IDDEĊIDEW li jiddeterminaw bi qbil komuni l-aġġustamenti u l-miżuri transitorji tal-Ftehim bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunità Ekonomika Ewropea.

U LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL:

TITOLU I

Aġġustamenti

Artikolu 1

It-test ta' dan il-Ftehim, inklużi l-Anness u l-Protokolli li jiffurmaw parti integrali minnu, u l-Att Finali bid-dikjarazzjonijiet annessi miegħu, għandu jiġi mfassal bil-Grieg u dan it-test huwa awtentiku fl-itess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova t-test Grieg.

Artikolu 2

Ir-Repubblika Ellenika għandha tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Artikolu 1(3) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim lill-prodotti koperti f'Kapitoli 48 u 49 tat-Tariffa Doganali Komuni li jorġinaw fl-Islanda u mhux elenkti fl-Anness I.

TITOLU II

Miżuri transitorji

Artikolu 3

Għall-prodotti elenkti fl-Anness I, ir-Repubblika Ellenika għanda progressivament tabolixxi d-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' prodotti li jorġinaw fl-Islanda skond il-kalendarju li ġej:

— fl-1 Jannar 1981, kull dazju għandu jitnaqqas għad- 90 % tad-dazju bażiku,

— fl-1 Jannar 1982, kull dazju għandu jitnaqqas għat- 80 % tad-dazju bażiku,

— l-erba' riduzzjonijiet l-oħra ta' 20 % kull wieħed għandhom jiġu mnaqqsa:

— fl-1 ta' Jannar 1983,

— fl-1 ta' Jannar 1984,

— fl-1 ta' Jannar 1985,

— fl-1 ta' Jannar 1986,

Artikolu 4

1. Għall-prodotti elenkti fl-Anness I, id-dazju bażiku li għandu jiġi applikat għar-roħs suċċessivi msemmija fl-Artikolu 3 għandu jkun d-dazju li fil-fatt huwa applikat, għal kull prodott, mir-Repubblika Ellenika fir-rigward ta' l-Islanda fl-1 ta' Lulju 1980.

2. Madankollu, fir-rigward ta' sulfarini li jaqgħu fl-instestatura Nru 36.06 tat-Tariffa Doganali Komuni, d-dazju bażiku għandu jkun ta' 17 72 % ad valorem.

Artikolu 5

1. Għall-prodotti elenkati fl-Anness I, ir-Repubblika Ellenika għanda progressivament tabolixxi piżżejjiet li għandhom effett ekwivalenti fuq id-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fl-Islanda skond il-kalendaru li ġej:

- fl-1 Jannar 1981, kull piż għandu jitnaqqas għad- 90 % tar-rata bażika,
- fl-1 Jannar 1982, kull piż għandu jitnaqqas għad- 80 % tar-rata bażika,
- l-erba' riduzzjonijiet l-oħra ta' 20 % kull wieħed għandhom jiġu mnaqqsa:
 - fl-1 ta' Jannar 1983,
 - fl-1 ta' Jannar 1984,
 - fl-1 ta' Jannar 1985,
 - fl-1 ta' Jannar 1986,

2. Ir-rata bażika li għandha tiġi applikata għar-roħs suċċessivi msemmija fl-paragrafu 1 għandha tkun ir-rata li hija applikata, għal kull prodott, mir-Repubblika Ellenika fil-31 ta' Diċembru firrigward tal-Komunitá kif inhi kostitwita llum.

3. Kull piż li għandu effett ekwivalenti fuq id-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' prodotti, introdott mill-1 ta' Jannar 1979 fil-kummerċ bejn il-Ġreċċa u l-Islanda, għandu jkun abolit fl-1 ta' Jannar 1981.

Artikolu 6

Jekk ir-Repubblika Ellenika tissospendi jew tnaqqas id-dazji jew il-piżżejjiet li għandhom effett ekwivalenti fuq prodotti importati mill-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum aktar malajr mill-kalendaru stabbilit, ir-Repubblika Ellenika għandha wkoll tissospendi jew tnaqqas, bl-istess persentaġġ, dawk id-dazji jew piżżejjiet li għandhom effett ekwivalenti fuq prodotti li joriġinaw fl-Islanda.

Artikolu 7

1. Il-komponent varjabbl li r-Repubblika Ellenika tista' tapplika skond l-Artikolu 1 tat-2 Protokoll mal-Ftehim għall-prodotti elenkati fit-Tabella 1 ta' dak il-Protokoll, li joriġinaw fl-Islanda, għandu jitranġa bl-ammont kompensatorju applikat fil-kummerċ bejn il-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum u l-Ġreċċa.

2. Għall-prodotti li huma elenkati kemm fit-Tabella 1 tat-2 Protokoll mal-Ftehim u kemm fl-Anness 1 ta' dan il-Protokoll,

ir-Repubblika Ellenika għandha tneħħi, skond il-kalendaru mfassal fl-Artikolu 3, id-differenza bejn:

- il-komponent fiss tad-dazju li għandu jiġi applikat mir-Repubblika Ellenika ma' l-adeżjoni tagħha, u
- id-dazju (għajnej il-komponent varjabbl) muri fl-aħħar kolonna tat-Tabella 1 tat-2 Protokoll.

Artikolu 8

1. Ir-Repubblika Ellenika tista' żżomm restrizzjonijiet kwantitat-tivi sal-31 ta' Diċembru 1985 fuq prodotti elenkati fl-Anness II, li joriġinaw fl-Islanda.

2. Ir-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu l-forma ta'kwoti globali li għandhom ukoll jiġu miftuħa għall-importazzjoni li joriġinaw fl-Awstrija, fil-Filandja, fl-Isvezja u fl-Isvizzera.

Il-kwoti globali għall-1981 huma elenkati fl-Anness II.

3. Ir-rata minima taż-żieda progressiva għall-kwoti msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun ta' 25 % fil-bidu ta' kull sena għall-kwoti espresso fl-Unitajiet Ewropej tal-kontijiet (UEK), u ta' 20 % fil-bidu ta' kull sena għall-kwoti espresso skond il-volum. Dawn iż-żieda għandhom jkunu miżjudha ma' kull kwota u ż-żieda li tmis għandha tkun ikkalkulata a bażi tat-total hekk miksub.

Meta kwota hija expressa f'termini kemm ta' volum u kemm ta' valur, il-kwota dwar il-volum għandha tiżied sa mill-inqas 20 % kull sena u l-kwota skond il-valur għandha tiżdied sa mill-inqas 25 % kull sena, bil-kwoti li jmissu għandhom jiġu kalkulati kull sena a bażi tal-kwota ta' qabel li tingħadd maż-żieda.

Madankollu, rigward il-karrozzi kbar privati jew tal-linja u vetturi oħra li jaqgħu fis-sotto-instestatura ex 87.02 A 1 tat-Tariffa Doganali Komuni, l-kwota tal-volum għandha tiżdied b'15 % kull sena u l-kwota skond il-volum b'20 % kull sena.

4. Fejn jinsab li l-importazzjoni li ġiġi elenkati fl-Anness II kienu għal sentejn wara xulxin inqas mid-90 % tal-kwota, r-Repubblika Ellenika għandha tilliberalizza l-importazzjoni ta' dak il-prodott li joriġina fl-Islanda u fpajjiżi elenkati fil-paragrafu 2, jekk il-prodott imsemmi huwa f'dak iż-żmien liberalizzat fil-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum.

5. Jekk ir-Repubblika Ellenika tilliberalizza l-importazzjoni li ġiġi elenkati kemm fit-Tabella 1 tat-2 Protokoll mal-Ftehim u kemm fl-Anness 1 ta' dan il-Protokoll,

għall-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum, ir-Repubblika Ellenika għandha wkoll tilliberalizza l-importazzjonijiet ta' dak il-prodott li joriġina fl-Islanda jew iżżejjid il-kwota globali b'mod proporzjonal.

6. Rigward il-liċenzji għall-importazzjoni ta' prodotti elenkti fl-Anness II u li joriġinaw fl-Islanda, r-Repubblika Ellenika għandha tapplika l-istess regoli u pratti amministrattivi bħal dawk applikati għal dawk l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum, bl-eċċeżżjoni tal-kwota għall-fertilizzanti li jaqgħu taħt l-intestatura Nri 31.02 u 31.03 u s-sotto-intestaturi 31.05 , I, II u IV tat-Tariffa Doganali Komuni, fejn ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika r-regoli u l-pratti rilevanti għad-drittijiet esklusivi tal-marketing.

Artikolu 9

1. Depożiti għall-importazzjoni u pagamenti fi flus kontanti fis-seħħ fil-Greċja fil-31 ta' Diċembru 1980 rigward l-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fl-Islanda għandhom jitneħħu progressivament tul perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 1981.

Ir-rata tad-depożiti għall-importazzjoni u tal-pagamenti fi flus kontanti għandha titnaqqas skond il-kalendaru li ġej:

- fl-1 ta' Jannar 1981: 25 %,
- fl-1 ta' Jannar 1982: 25 %,
- fl-1 ta' Jannar 1983: 25 %,
- fl-1 ta' Jannar 1984: 25 %.

2. Jekk, fir-rigward tal-Komunitá kif inhi kostitwita l-lum, ir-Repubblika Ellenika tnaqqas ir-rata tad-depożiti għall-importazzjoni u tal-pagamenti fi flus kontanti iktar malajr mill-kalendaru stabbilit fil-paragrafu 1, ir-Repubblika Ellenika għandha wkoll tagħmel l-istess tnaqqis fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fl-Islanda.

TITOLU III

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 10

Il-Kumitat Konġunt għandu jagħmel l-emendi li jistgħu jkunu meħtieġa fuq ir-regoli ta'l-oriġini bħala konsegwenza ta'l-adeżżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 11

L-Annessi ta' dan il-Protokoll jiffurmaw parti integrali minnu. Dan il-Protokoll jifforma parti integrali tal-Ftehim.

Artikolu 12

Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tagħhom. Dan għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1981, iżda biss jekk il-Partijiet Kontraenti jinnotifikaw lil xulxin, qabel dik id-data, li l-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan ġew imwettqa. Wara' dik id-data, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara din in-notifika.

Artikolu 13

Dan il-Protokoll huwa magħmul bid-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, it-Taljan, u Islandiż, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi.

Udfærdiget i Bruxelles, den sjette november nitten hundrede og firs

Geschehen zu Brüssel am sechsten November neunzehnhundertachtzig

Done at Brussels on the sixth day of November in the year one thousand nine hundred and eighty

Fait à Bruxelles, le six novembre mil neuf cent quatre-vingt

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις 6ης Νοεμβρίου χιλια δέκατα έννιακόσια ογδόντα

Fatto a Bruxelles, addì sei novembre millenovecentoottanta

Gedaan te Brussel, de zesde november negentienhonderd tachtig

Gjört í Brussel hinn 6. nóvember 1980

For Det europeiske økonomiske Fællesskab

Für die Europäische Wirtschaftsgemeinschaft

For the European Economic Community

Pour la Communauté économique européenne

Για τήν Εύρωπαική Οικονομική Κοινότητα

Per la Comunità economica europea

Voor de Europese Economische Gemeenschap

Fyrir Efnahagsbandalag Evrópu

For republikken Island

Für die Republik Island

For the Republic of Iceland

Pour la république d'Islande

Γιά τή Δημοκρατία τής Ισλανδίας

Per la Repubblica d'Islanda

Voor de Republiek IJsland

Fyrir Líðoveldio Island

ANNESS I

Lista msemmija fl-Artikolu 4

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
Il-Kapitolu 15	
ex 15.10	Prodotti miksuba mill-injam ta' l-arżnu, b'kontenut ta' aċidu mxaħħam tad-90 % jew iżjed bl-użin
Il-Kapitolu 17	
17.04	Konfettura taż-żokkor, li ma fihix kawkaw
Il-Kapitolu 18	
18.06	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom iċ-ċikkulata
Il-Kapitolu 19	
ex 19.02	Estratt tax-xgħir
19.03	Mqarrun, spaghetti u prodotti simili
19.05	Ikel preparat miksub mit-tħaxxin jew l-inkaljar taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali (ross minfuħ, taqxir il-qamħ u prodotti simili)
ex 19.07	Ħobż, galletti t'abbord u oġġetti ordinarji għall-bejgħ mill-furnara, li ma fihomx żokkor, għasel, bajd, xaħam, ġobon jew frott miżjud
19.08	Għażina, galletti, kejkijiet u oġġetti fini għall-bejħ mill-furnara, sewwa jekk fihom il-kakaw f'kull proporzjon u sewwa jekk le
Kapitolu 21	
ex 21.02	Sostituti tal-kafe mixwija għajr dawk taċ-ċikwejra mixwija; Estratti, essenzi jew konċentrat iċ-ċikkulata tal-kafe mixwija għajr dawk taċ-ċikwejra mixwija
ex 21.04	Zlazi, kondimenti mħallta u ħawwar mħallta għajr iċ-ċutni tal-mangu likwidu
ex 21.06	Ħmira tal-furnara u ħmira naturali inattivi
Il-Kapitolu 22	
ex 22.02	Luminati, ilmijiet minn spas imħawra u ilmijiet effervexxenti mhux imħawra u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux inkluż il-meraq magħsur mill-frott u ħxejjex li jaqgħu taħt l-intestatura Nru. 20.07 — li ma fihomx ħalib jew xaħmijiet tal-ħalib imma li fihom żokkor (sukrosju jew żokkor ivertit) jew — li fihom ħalib jew xaħmijiet tal-ħalib

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
22.03	— Birra magħmul mix-xgħir
22.06	Vermut, u nbejjed oħra minn għeneb frisk mħawra b'estratti aromatiċi
ex 22.09	Xorb distillat li fihom bajd jew l-isfra tal-bajd u/jew żokkor (sukrosju jew żokkor invertit)
Kapitolu 25	
25.20	Ġibs, anidrit, ġibs kalċinat, u ġibs tat-tikħil b'bażi ta' sulfat tal-kalċju, sewwa jekk bil-kulur u sewwa jekk le, imma mhux inkluż il-ġibs tat-tikħil preparat speċjalment għall-użu fid-dentistrija
25.22	Ġir, ġir imrattab u ġir li jagħqad bl-ilma, għajr l-ossidu tal-kalċju u l-idrossidu
25.23	Siment ta' Portland, siment fondu, siment bil-gagazza, siment supersulfatiku u siment li jagħqad bl-ilma oħra, sewwa jekk bil-kulur u sewwa jekk le jew fl-għamla ta' gagazza
ex 25.30	Aċiđu boriku naturali mhux raffinat li fih mhux iktar minn 85 % ta' H_3BO_3 ikkalkulat fuq il-piż niexef
ex 25.32	Kuluri mit-trab ta' l-art, sewwa jekk kalicinati jew imħallta, u sewwa jekk le; santorin, purċillana, tufu u trabbijiet ta' l-art ieħor, użati fl-għamla ta' siment li jagħqad bl-ilma, sewwa jekk mitħuna u sewwa jekk le
Il-Kapitolu 27	
27.05 bis	Gass tal-faħam, gass ta' l-ilma, gass ta' l-arja jew ta' l-ajra u fwar u gassijiet simili
27.06	Qatran distillat mill-faħam, mill-lignit jew mill-pit, u qatran minerali oħra, inklużi qatran parzjalment distillat u taħlit ta' pitch bil-krijożot jew bi prodotti oħra tal-qatran tal-faħam distillati
27.08	Pitch u kokk tal-pitch, magħmula mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali oħra
ex 27.10	Żjut minerali, u sonża għal skopijiet ta' lubrikazzjoni
ex 27.11	Gassijiet tal-pitrolju u idrokarbonji gassużi oħra, li jeskludi l-propan ta' purita mhux inqas minn 99 % għall-użu għajr għall-enerġija jew karburant li jsaħħan
27.12	Xaħam tal-pitrolju
27.13	Xama' tal-paraffina, xama' mikrokristallin, xama' mikk-fdal tal-faħam, ożokerit, xama' tal-lignit, xama' tal-pit u xama' minerali oħra, sewwa jekk bil-kulur u sewwa jekk le
27.14	Bitumin tal-pitrolju, kokk tal-pitrolju u fdalijiet oħra taż-żjut tal-pitrolju jew taż-żjut magħmulin minn materjali bituminużi
27.15	Bitumin u asfalt, naturali; shale bituminuż, blat asfaltiku u ramel tal-qatran
27.16	Taħlit bituminużi bażati fuq asfalt naturali, fuq bitumin naturali, fuq bitumin tal-pitrolju, fuq qatran minerali jew fuq pitch tal-qatran minerali (per eżempju, gommom bituminużi, cut-backs)

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
Kapitolu 28	
ex 28.01	Kloru
ex 28.04	Idroġenu, ossiġenu (inkluż l-ożonu) u nitroġenu
ex 28.06	Aċidu idrokloriku
28.08	Aċidu tal-kubrit; oleju
28.09	Aċidu nitriku; aċidi sulfonitriċi
28.10	Pentossidju tal-fosfru u aċidi fosforiċi (meta-, orto-, piro-)
28.12	Ossidu boriku u aċidu boriku
28.13	Aċidi inorganiċi oħra u komposti ta' l-ossiġnu inorganiċi ta' prodotti mhux metalli (eskuż l-ilma)
28.15	Sulfidji jew komposti mhux metalli; trisulfat tal-fosfru
28.16	Ammonja, anidriju jew f'taħlita bl-ilma
28.17	Idrossidju tas-sodju (soda kawstika); idrossidu tal-potassju (potassa kawstika); perossilidji tas-sodju jew potassju
ex 28.19	Ossidju taż-żingu
ex 28.20	Korundu artifiċjali
28.22	Ossidji tal-manganeżju
ex 28.23	Ossidi tal-ħadid, inklużi kuluri mit-trab ta' l-art li fihom 70 % jew iżjed fl-użin ta' ħadid kombinat evalwat bħala Fe_2O_3
ex 28.27	Ċomb aħmar u litarġ
28.29	Fluwordi; fluworosilikati, fluworoaluminati u mluħa fluworini kumplessi oħrajn
ex 28.30	Klorur tal-manjeżju, klorur tal-kalċju
ex 28.31	Ipoklorati; ipoklorati tal-kalċju kummerċjali; ipoklorati
28.35	Sulfidji; polisulfidji
28.36	Ditjoniti, inklużi dawk stabilizzati b'sustanzi organiċi; sulfossilati
28.37	Sulfiti u tijosulfiti
ex 28.38	Sodju, barju, ħadid, żingu, sulfati tal-manjeżju u ta' l-aluminju, alum
ex 28.40	Fosfiti, ipofosfiti u fosfati, esklużi fosfati taċ-ċomb bibażiku

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
ex 28.42	Karbonati li jinkludu karbonat ta' l-ammonju kummerċjali li fih il-karbamat ta' l-ammonju, u li jeskludu idrokarbonat taċ-ċomb (ċomb abjad)
ex 28.44	Fulminanti tal-merkurju
ex 28.45	Silikati tas-sodju u silikati tal-potassju, li jinkludu gradi kummerċjali
ex 28.46	Buraċ raffinat
ex 28.48	Arseniti u arsenati
28.54	Perossilidu ta' l-idroġenu (li jinkludi perossilidu ta' l-idroġenu solidu)
ex 28.56	Silikon, boron u karbidi tal-kalċju
ex 28.58	Ilma ddistillata jew ta' konduttività u ilma ta' purita simili
Kapitolu 29	
ex 29.01	Idrokarbonji għall-użu għall-enerġija jew karburant li jsaħħan; naftalina u antračin
ex 29.04	Alkoħol amil
29.06	Fenoli u alkoħol fenoliku
ex 29.08	Eteru dipentil, (eteru diamil), eteru dietil, anetole
ex 29.14	Aċidi pamitiċi, stejariċi u olejiċi, u l-imluħa li jinħallu fl-ilma tagħhom
ex 29.16	Aċidi tartariċi, ċitriċi u gallici; tartrat tal-kalċju
ex 29.21	Nitrogliċerina
ex 29.42	Sulfat tan-nikotina
29.43	Żokkor, kimikament pur, għajr is-sukrosi, il-glukosi u l-lattosi; l-eteri taz-zokkor u l-esteri taz-zokkor, u l-imluħ tagħhom, għajr il-prodotti ta' l-intestatura bin-Nri 29.39, 29.41 u 29.42
Kapitolu 30	
ex 30.02	Antisera
ex 30.03	Medikamenti (inklużi l-medikamenti veterinarji), li jeskludu l-prodotti li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> — Sigaretti anti-ażmatiċi — Kwinin, cinkonin, gwinidin u l-imluħ tagħhom, sewwa jekk huma fl-għamla ta' prodotti proprjetarji u sewwa jekk le — Morfina, kokaina u narkotiċi oħrajn, sewwa jekk huma fl-għamla ta' prodotti proprjetarji u sewwa jekk le — Antibijotiċi u preparati bażati fuq antibijotiċi — Vitaminu u preparati bażati fuq vitaminu — Sulfonamidi, ormoni u preparati bażati fuq ormoni

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
30.04	Ikkuttunar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, thejjiji, ġibs li jeħel, kataplażmi), mimlija jew miksija b'sustanzi farmatewtici jew imhejjiha f'forom jew pakketti għall-bejgħ għal skopijiet mediċi, kirurġiku, għajr l-oġġetti spċifikati fin-Nota 3 ta' dan il-Kapitolu
Kapitolu 31	
ex 31.03	Fetilizzanti minerali jew kimiċi, fosfatiċi, li jeskludu: <ul style="list-style-type: none"> — Gagazza bażiku — Fosfati tal-kalċju (termo fosfati u fosfati mdewweba) digenerati (kalċinati) u fosfati tal-kalċju ta' l-aluminju naturali — Fosfat idroġenu tal-kalċju li fih mhux inqas minn 0.2 % ta' floru
31.05	Fetilizzanti oħra; oġġetti ta' dan il-Kapitolu f'pilloli, maqrut u forom oħra preparati jew fpakketti ta' wżein gross li ma jaqbiżx 10 kg
Kapitolu 32	
ex 32.01	Estratti ta' l-ikkunzar li ġejjin mill-ħxejjex; tannini (aċidi tat-tannini), li jinkludu tannin li jiġi mis-siġar (gallnut) estratt bl-ilma
ex 32.04	Materjal li jiżbogħ li ġej mill-ħxejjex (li jinkludi estratt tad-dyewood u estratti oħra tal-ħxejjex għaż-żbigħ, imma li jeskludu in-nir, henna u klorofilla) jew li ġej mill-animali, li jinkludi estratti tal-kuċċinilja u tal-kermes
ex 32.05	Sustanzi organiċi u sintetiċi li minnhom issir iż-żebgħha (li jinkludu sustanzi bil-pigment u li jeskludu nir artifiċjali); prodotti organiċi sintetiċi tat-tip użati bħala luminofori; prodotti tat-tip magħrufin bħala aġenti tal-bliċċjar ottiku, li huma sostentivi għall-ħjut
32.06	Għadajjar tal-kulur
ex 32.07	Materjal għaż-żbigħ ieħor, li jeskludu: <ul style="list-style-type: none"> (a) pigmenti inorganiċi jew pigmenti ta' orġini minerali, sewwa jekk fihom sustanzi oħra li jitħaffu ż-żbigħ, bbażati fuq l-imluħa tal-kadmju, (b) kuluri tal-kromju u ikħal Prussju; prodotti inorganiċi tat-tip użat bħala luminofori
32.08	Pigmenti preparati, opacifieri preparati u kuluri preparati, enamelijiet u lostri vitrifijabbli, lostri likwid u preparati simili, tat-tip użat fl-industriji taċ-ċeramika, ta' l-enamel u tal-ħġieġ; engobes (slips); ħtieġ frit u ħtieġ ieħor, fil-forma ta' trab, granuli u taqxir
32.09	Verniċ u laker; distempri; pigmenti ta' l-ilma preparati tat-tip użat għat-tħejjija tal-ġilda; pigmenti mferrxa fiż-żejt tal-kittien, spirtu abjad, spirti tat-terpentina, jew mferrxa f'sustanzi oħra tat-tip użati fil-fabrikazzjoni taż-żebgħha jew ta' l-enamelijiet; fuljetti ta' l-istampar; żebgħha u materjal ieħor li jiżbogħ imħejji f'forom jew pakketti għall-bejgħ; soluzzjonijiet kif definiti fin-Nota 4 ta' dan il-Kapitolu
32.11	Sustanzi li jnixxfu preparati

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
32.12	Stokk tal-vitrat, stokk tat-tilqim; mili tal-bajjad; preparati tas-superfiċi mhux refrattivi; mastiċi għall-waqfien, għas-siġillar u mastiċi simili
32.13	inka tal-kitba, inka ta' l-istampar u inka oħra
Kapitolu 33	
ex 33.01	Żjut essenzjali (bla terpene jew le); konkreti u assoluti, li jeskludu essenzi tal-ward, tal-klin, ta' l-ewkaliptus, ta' l-injam tas-sandlu u taċ-ċedru; reżinojdi; konċentrat taż-żjut essenzjali fix-xahamijiet, fiż-żjut fissi jew fix-xama' jew sustanzi simili, miksuba mill-assorbiment kiesaħ jew mill-maċerazzjoni
ex 33.06	Eau de Cologne u ilmjiet oħra tat-twalletta; kosmetiċi u prodotti għall-kura tal-ġilda, tax-xagħar u tad-dwiefer; trab għas-snien u toothpastes, prodotti għal indafa tal-ħalq; fwieħa tal-kmamar, ippreparati, sewwa jekk imfewwħa u sewwa jekk le
Kapitolu 34	Sapun; prodotti organiċi attivi fuq is-superfiċi, preparati għall-ħasil, preparati lubrifikanti, xama' artifiċjali, xama' preparati, preparazzjonijiet għall-lostru jew għall-għorik, xemgħat u ogħġetti simili, pejst għall-immudellar u "xama' tas-snien"
Kapitolu 35	Sustanzi albuminojdi, li jeskludu ovalbumin u laktalbumin; kolla, enzimi
Kapitolu 36	Splassivi; prodotti tal-logħob tan-nar; sulfarini; illigi piroforiċi; ċerti preparati kombustibbli
Kapitolu 37	
37.03	Karta sensitizzata; bordijiet tal-kart u drapp, mhux esposti jew esposti imma mhux żvillupati
Kapitolu 38	
38.03	Karbonju attivat; prodotti natural minerali attivati; l-iswed ta' l-annimali, inkluż l-iswed ta' l-annimal maħruq
38.09	Qatran ta' l-injam; żjut tal-qatran ta' l-injam (għajr is-solventi u t-thinners komposti li jaqaw taħt l-intestatura nru 38.18) injam tal-krijożot, nafta ta' l-injam; żejt ta' l-aċeton; taħlit tal-hxejjx ta' kull tip; taħlit tal-birer u preparazzjonijiet simili bażati fuq ir-rażajew fuq it-taħlit tal-ħxejjex; sustanzi mill-fonderija li jghaqqu l-għewwieni bażati fuq prodotti naturali tar-reżina
ex 38.11	Diżinfettanti, insettiċidi, veleni għall-farr, pestiċidi u prodotti simili, magħmulu fil-forma ta' ogħġetti bħalma huma faxex ittratti bil-kubrit, ftajjal u xemgħat, karti għad-dubbien, bsaten mikṣijin bil-hexakloridikloheksan (BHC) u ogħġetti bħalhom; preparati li fihom prodott attiv (bħal DDT) imħall-lat ma' materjali oħrajn u imqiegħda f'kontenituri aerosol lesti għall-użu
38.18	Solventi u thinners komposti għall-verniċi u prodotti simili
ex 38.19	Preparati magħrufa bħala "likwid għat-trażmissjoni idrawlika" (b'mod partikolari għall-brejkijiet idrawliċi) li fihom inqas mis-70 % bl-użin ta' żjut tal-petrolju jew żjut miksuba minn minerali tal-bituminużi

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
Kapitolu 39	
ex 39.02	Klorur tal-polivinil
ex 39.01	Polistirin fl- <i>għamliet kollu tiegħu</i> ; materjali oħra tal-plastika, eteri taċ-ċelliloži u eteri, reżini artifiċjali, li jeskludu:
ex 39.02	
ex 39.03	(a) dawk fil-forma ta' granuli, tqaxxir, trabijiet, skart u fdalijiet għall-użu bħala materija prima ġhall-fabrikazzjoni tal-prodotti msemmija f'dan il-Kapitolu
ex 39.04	
ex 39.05	(b) Skambjaturi ta' l-ijonju
ex 39.06	
ex 39.07	OĠġetti tal-materjali tat-tip deskritti fl-intestaturi nri 39.01 sa 39.06, li jeskludu fannijiet u plaji ta' idejn, mhux mekkaniċi, gwarniċi u manilji għalihom u partijiet minn dawn il-gwarniċi u manilji, u imkiek, irkiekel jew riffieda simili għall-filmijiet fotografiċi u ċinematografiċi jew tapes, filmijiet u bħalhom li jaqgħu taħt l-instestitura Nru 92.12
Kapitolu 40	Lastku, lastku sintetiku, factive u OĠġetti magħmulin minnhom, eskuži l-intestaturi Nri 40.01, 40.02, 40.03 u 40.04, latex (ex 40.06), soluzzjonijiet u dispersjonijiet (ex 40.06), ilbiesi protettivi għat-tobba u għar-radżjoli u ilbiesi għall-għaddasa (ex 40.13) u għamliet bl-ingrossa jew blokki, fdalijiet, skart u trabijiet tal-lastku iebe (ebbonit u vulkanite) (ex 40. 15)
Kapitolu 41	Ġlud hoxxin u ġlub mhux maħdum (għajr ġlud tal-pil) u ġlud maħduma, eskužiġi l-intestaturi Nri 41.01 u 41.09
Kapitolu 42	OĠġetti tal-ġilda maħdum; sarġijiet u xeddijiet; OĠġetti għas-safar; basktikiet u kontenituri simili; OĠġetti minn imsaren ta' l-annimali (għajr mill-imsaren tad-dud tal-ħarir)
Kapitolu 43	Ġlud tal-pil u pil artifiċjali; u prodotti tagħhom
Kapitolu 44	Injam u OĠġetti ta' l-injam; faħam tal-kannol ta' l-injam, eskuži l-intestatura Nru 44.07, OĠġetti tal-bord għat-twaqqif tal-ħjut (ex 44.21, ex 44.23, ex 44.27, ex 44.28), imkiek, irkiekel jew riffieda simili għall-filmijiet fotografiċi u ċinematografiċi jew tapes, filmijiet u bħalhom li jaqaw taħt l-instestitura Nru 92.12 (ex 44.26) u blokkijiet ta' l-injam għall-kisi ta' l-art (ex 44.28)
Kapitolu 45	
45.03	OĠġetti ta' sufra naturali
45.04	Sufra agglomerata (sufra agglomerata b'sustanza li tgħaqqu qed jew mingħajra) u OĠġetti tas-sufra agglomerat
Kapitolu 46	Fabbrikazzjoni tat-tiben, ta' l-ispartu, u ta' materjali oħra ta' l-immaljar; basktijiet u OĠġetti tal-qasab, eskuži l-malji u prodotti simili tal-materjal ta' l-immaljar għal kull użu, sewwa jekk mgħaddha fi strippi u sewwa jekk le (ex 46.02)

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
Kapitolu 48	
ex 48.01	<p>Karta u bord tal-karta (inkluż kuttunar taċ-ċellulożi), frollijiet jew folji eskuži dawn il-prodotti li ġejjin;</p> <ul style="list-style-type: none"> — Karta tal-gazzetti normali magħmula minn polpa kimika u mekanika, bil-piż ta' mhux Iżjed minn 60 g/m² — Karta tal-magažzin — Karta tas-sigaretti — Karta tat-tixus — Karta tal-filtru — Kuttunar taċ-ċellulożi — Karta magħmula bl-idejn u bordijiet tal-karta
48.03	Parċmina jew karta reżistenti għall-griż, u l-imitazzjonijiet tagħhom, u karta igglejżjata u trasparenti, frollijiet jew f'folji
48.04	Karta jew bordijiet tal-karta komposti (magħmula bit-twaħħil ta' saffi ċatti ta' karta bil-kolla), mhux miksija fil-wiċċ jew mimlja, sewwa jew rinfurżati minn ġewwa u sewwa jekk le, frollijiet jew f'folji
ex 48.05	Karta jew bordijiet tal-karta, korrugata (sewwa jekk il-folji tal-wiċċ huma ċatti u sewwa jekk le) abbozzati frollijiet jew f'folji
ex 48.07	Karta jew bordijiet tal-karta, mimlja, miksija fil-wiċċ, kulturit fil-wiċċ, imżejen jew stampat (mhux il-materjal stampat f'Kapitolu 49) fil-wiċċ frollijiet jew f'folji, eskuži karta kwadrata, karta tad-deheb jew karta tal-fidda u l-imitazzjonijiet tagħhom, karta għar-riproduzzjoni litografika, karta ta' l-indikazzjoni u karta fotografika sensitizzata
ex 48.13	Karta saħħara
48.14	Blokkiġiet għall-kitba, invilops, biljetti għall-ittri, kartolini vojta, biljetti għall-korrespondenza, kartieri u settiġiet tal-kitba, tal-karta jew bordijiet tal-karta, li fihom għażla ta' kartolerija tal-karta
ex 48.15	Karta jew bordijiet tal-karta oħrajn, maqtugħha skond id-daqs u il-forma, eskuži l-karta tas-sigaretti, tejjipiet perforati għall-magni monotipi u għall-magni tal-kalkoli, karta tal-filtru u bordijiet tal-filtru (inklużi dawk għall-filtri tas-sigaretti) u strippi ggummati
48.16	Kaxxi, boroż u kontenituri oħrajn ta' l-ippakkjar, tal-karta jew bordijiet tal-karta; box files, trejs ta' l-ittri, kaxxi tal-ħażen u oġġetti simili, tal-karta jew bordijiet tal-karta, tat-tip użat normalment fl-uffiċċji, ħwienet u postiġiet simili
48.18	Reġistri, pitazzi, kotba tan-noti, blokkiġiet tal-memorandum, kotba ta' l-ordnijiet, kotba ta' l-irċevuti, djarji, blokkniget tal-kartaxuga, fajls (bil-karti mifrudin jew le), kisi tal-fajls u kartolerija oħra ta' tal-karta jew bordijiet tal-karta; kisi ta' albums u album għall-kampjuni u ta' kotba, tal-karta jew bordijiet tal-karta
48.19	Tikketti tal-karta jew bordijiet tal-karta, sewwa jekk stampati jew ggummati u sewwa jekk le
ex 48.21	Paralumi; tvalji u srievet, imkatar u xugamani; dixxijiet, platti, tazzi, mattijiet tal-mejda, mattijiet tal-fliexken, mattijiet tal-ħġieġ

Nomenklatura ta' Brussel Intestatura Nru (CCCN)	Deskrizzjoni
Kapitolu 49	
ex 49.01	Kotba, ktejeb, brochures u fuljetti stampati fl-ilsien Grieg
ex 49.03	Kotba bl-istampi u kotba tal-pittura għat-tfal, stampati kollha jew parti minnhom bl-ilsien Grieg
ex 49.07	Bollok mhux maħsuba għall-użu pubbliku
49.09	Kartolini bl-istampi, biljetti tal-Milied u biljetti oħra tat-tislima, stampati b'kull mod, sewwa jekk bit-tirqim u sewwa jekk le
ex 49.10	Kalendarji ta' kull tip, tal-karta jew bordijiet tal-karta, inklużi l-blokkijiet tal-kalendarji, imma eskużi l-kalendarji użati għall-għanijiet ter-reklamar, fl-ilsna oħra barra mill-Grieg
ex 49.11	Materjali stampati oħra, li jinkludu stampi u fotografiji stampati, imma eskużi l-oġġetti li ġejjin: — Xenarji teatrali u għall-istudjos fotografiċi — Materjal stampat għall-għanijiet tar-reklamar (inklużi reklamar għas-safar), fl-ilsna oħra barra mill-Grieg
Kapitolu 50	Ħarir u fdalijiet tal-ħarir
Kapitolu 51	Ħajt magħmul mill-bniedem (kontinwi)
